DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Mejju 2014

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/44/UE dwar ir-regoli applikabbli għall-kontrolli veterinarji li jridu jitwettqu fuq annimali ħajjin u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu f'ċerti Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej minn pajjiżi terzi

(notifikata bid-dokument C(2014) 3053)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/282/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 13 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/44/UE [3] tistabbilixxi r-regoli dwar il-kontrolli veterinarji li jridu jitwettqu fuq annimali ħajjin u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu f'ċerti Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej minn pajjiżi terzi, inkluża lista tal-punti tad-dħul awtorizzati ("il-lista tal-punti tad-dħul awtorizzati").

(2) Franza ssottomettiet pjan lill-Kummissjoni għal punt tad-dħul awtorizzat li jinsab fid-dipartiment Franċiż *extra*-Ewropew tal-Majott. Dak il-pjan jiddeskrivi fid-dettall il-faċilitajiet, it-tagħmir meħtieġ u l-persunal imħarreġ biex jitwettqu l-kontrolli veterinarji biex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-Unjoni għas-saħħa pubblika u tal-annimali għal prodotti ta' oriġini mill-annimali jiġu sodisfatti.

(3) Barra minn hekk, il-pjan juri li l-kunsinni kollha ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jiġu ppreżentati għall-importazzjoni fil-punt tad-dħul awtorizzat u li d-dispaċċ tagħhom lejn partijiet oħra tat-territorju tal-Unjoni jiġi effettivament ipprojbit. Dan juri wkoll li r-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/44/UE huma sodisfatti.

(4) Għaldaqstant, il-punt tad-dħul tad-dipartiment Franċiż *extra*-Ewropew tal-Majott għandu jiżdied mal-lista tal-punti tad-dħul awtorizzati, fir-rigward ta' ċerti prodotti ta' oriġini mill-annimali.

(5) L-Artikolu 1 u l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/44/UE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

---

[1] ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56.
[2] ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/44/UE tal-25 ta' Jannar 2012 dwar ir-regoli applikabbli għall-kontrolli veterinarji li jridu jitwettqu fuq annimali ħajjin u prodotti li joriġinaw mill-annimali li jidħlu f'ċerti Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej minn pajjiżi terzi (ĠU L 24, 27.1.2012, p. 14).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2012/44/UE hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 qed jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Għall-finijiet tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 91/496/KEE u l-Artikolu 18 tad-Direttiva 97/78/KE, il-punti tad-dħul awtorizzati fid-Dipartimenti Franċiżi *extra*-Ewropej tal-Gwadelup, Martinique, il-Gujana Franċiża u l-Majott għandhom jiġu elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni."

(2) Fl-Anness, l-annotazzjoni li ġejja għall-Majott qed tiżdied wara l-annotazzjoni għall-Gujana Franċiża — St Georges de l'Oyapock fil-lista tal-punti tad-dħul awtorizzati:

"Il-Majott — Longoni	FR09900	P	HC, NHC-NT"	

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni
Tonio BORG
Membru tal-Kummissjoni